MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**PHILIP SCIBERRAS**

Seduta tat-3 ta' Ottubru, 2003

Citazzjoni Numru. 1832/1999/1

**Bank of Valletta p. l. c.**

**Vs**

**(1) Wilclaud Company Limited**
**(2) Joseph u Mary Evelyn mizzewgin Schiavone**
**(3) Antonio Dingli & Sons Limited**
**(4) Anthony u Patricia mizzewgin Dingli.**

**Il-Qorti;**

Rat l-att tac-citazzjoni li bih is-socjeta` attrici premessi d-dikjarazzjonijiet necessarji u moghtija l-provvedimenti opportuni;

Premess illi s-socjeta` attrici Bank of Valletta p. l. c. ikkoncediet "*Loan* u *Overdraft facilities*" lill-konvenuta socjeta` kummercjali Wilclaud Company Limited;

Premess illi s-socjeta` attrici tinsab kreditrici tal-konvenuta socjeta` kummercjali Wilclaud Company Limited fis-somma ta’ hamsa u sebghin elf, mitejn u erbgha u tmenin liri Maltin u erba’ centezmi (Lm75,284.04) bilanc ghad-debitu fil-“*Current*, *Loan* u *Overdraft Accounts*” ta’ Wilclaud Company Limited mal-Bank of Valletta p. l. c. (Dok. “A1” sa “A11”, Dok. “B” u Dok. “C13”) flimkien ma’ l-imghax ulterjuri mill-1 ta’ Ottubru 1998 sad-data ta’ l-effettiv pagament;

Premess illi bit-termini u l-kundizzjonijiet imsemmija f’ zewg kuntratti in atti Nutar Dottor Joseph Henry Sciriha datati 28 ta’ April 1994 (Dok. “D”) u 17 ta’ Marzu 1995 (Dok “E”) u b’ skrittura privata datata 25 ta’ Ottubru 1994 (Dok. “F”), il-konvenuti Joseph u Mary Evelyn mizzewgin Schiavone iggarantew flimkien u *in solidum* mas-socjeta` kummercjali Wilclaud Company Limited ghaf-favur tal-Bank of Valletta p. l. c., id-debiti ta’ l-istess socjeta` kummercjali Wilclaud Company Limited mal-Bank of Valletta p. l. c.;

Premess illi bit-termini u l-kundizzjonijiet imsemmija fl-iskrittura privata datata 25 ta’ Ottubru 1994 (Dok. “G”), il-konvenuta socjeta` Antonio Dingli & Sons Company Limited iggarantiet flimkien u *in solidum* mas-socjeta` kummercjali Wilclaud Company Limited ghaf-favur tal-Bank of Valletta p. l. c., id-debiti ta’ l-istess socjeta` kummercjali Wilclaud Company Limited mal-Bank of Valletta p. l. c.;

Premess illi bit-termini u l-kundizzjonijiet imsemmija f’ zewg skritturi privati datati 25 ta’ Ottubru 1994 (Dok. “H”) u 29 ta’ April 1995 (Dok. “I”), il-konvenuti Anthony u Patricia mizzewgin Dingli iggarantew flimkien u *in solidum* mas-socjeta` kummercjali Wilclaud Company Limited, ghaf-favur tal-Bank of Valletta p. l. c., sal-valur ta’ erbghin elf lira Maltija (Lm40,000), id-debiti ta’ l-istess socjeta` kummercjali Wilclaud Company Limited mal-Bank of Valletta p. l. c.;

U premess illi l-konvenuti gew interpellati permezz ta’ erba’ ittri ufficjali datati tlieta minnhom 5 ta’ Novembru

1997 (Dok. “J”, Dok. “K” u Dok. “M”) u l-ohra 26 ta’ Marzu 1999 (Dok. “L”), sabiex ihallsu d-dejn fuq imsemmi, izda dawn baqghu inadampjenti;

Talbet ghalhekk is-socjeta` attrici lil din l-Onorabbli Qorti sabiex:-

1. Tikkundanna lis-socjeta` kummercjali Wilclaud Company Limited, lil Joseph u Mary Evelyn mizzewgin Schiavone u, lil Antonio Dingli & Sons Company Limited ihallsu flimkien u *in solidum* bejniethom lis-socjeta` attrici s-somma ta’ hamsa u sebghin elf, mitejn u erbgha u tmenin liri Maltin u erba’ centezmi (Lm75,284.04) bilanc ghad-debitu fil-“*Current*, *Loan* u *Overdraft Accounts*” ta’ Wilclaud Company Limited mal-Bank of Valletta p. l. c. (Dok. “A1” sa “A11), Dok. “B” u Dok. “C13”) flimkien ma’ l-imghax ulterjuri mill-1 ta’ Otturbu 1998 sad-data ta’ l-effettiv pagament;

2. Tikkundanna lil Anthony u Patricia mizzewgin Dingli jhallsu flimkien u *in solidum* bejniethom lis-socjeta` attrici s-somma ta’ erbghin elf lira Maltija (Lm40,000 00) bilanc ghad-debitu fil-“*Current*, *Loan* u *Overdraft Accounts*” ta’ Wilclaud Company Limited mal-Bank of Valletta p. l. c. (Dok. “A1” sa “A11”, Dok. “B” u Dok. “C13”) flimkien ma’ l-imghax ulterjuri mill-1 ta’ Ottubru 1995 sad-data ta’ l-effettiv pagament;

Din l-interpellanza qed issir minghajr pregudizzju ghall-proceduri ohra intavolati kontra Joseph u Mary Evelyn mizzewgin Schiavone u Anthony u Patricia mizzewgin Dingli li ghalihom, is-socjeta` attrici, qed tipprocedi f’ istanzi separati;

Bl-ispejjez komprizi dawk ta’ l-ittri ufficjali datati 5 ta’ Novembru 1997 u 26 ta’ Marzu 1999 u tal-Mandati ta’ Sekwestru u ta’ Qbid li gew ipprezentati kontestwalment kontra l-konvenuti;

Rat id-dikjarazzjoni guramentata ta' l-istess socjeta` attrici, il-lista tax-xhieda minnha indikati u l-elenku tad-dokumenti esebiti mac-citazzjoni;

Rat in-Nota ta' l-Eccezzjonijiet tal-konvenuti Joseph u Mary Evelyn mizzewgin Schiavone illi permezz taghha huma eccepew:-

1. Illi fl-ewwel lok, hija is-socjeta` konvenuta Wilclaud Company Limited li ghandha twiegeb ghad-debitu imsemmi billi hija d-debitrici principali mhux l-eccipjenti personalment. Huma dehru bhala garanti u ghalhekk huma ghandhom jigu estromessi mill-proceduri qabel ma jkun hemm gudizzju fil-konfront ta' l-istess socjeta` kummercjali;

2. Illi fit-tieni lok u minghajr pregudizzju ghas-suespost, l-ammont mitlub huwa eccessiv ghal dak attwalment dovut u ghandhom jsiru il-konteggi relattivi okkorrendo bin-nomina ta' periti komputisti sabiex issir din il-verifika;

3. B' riserva ta' eccezzjonijiet ohra;

Rat id-dikjarazzjoni guramentata ta' l-istess konvenuti Joseph u Mary Evelyn mizzewgin Schiavone u l-lista tax-xhieda minnhom indikati;

Rat in-nota tal-konvenut Anthony Dingli pprezentata fil-5 ta' Settembru 2002, li biha huwa ammetta t-talbiet attrici;

Rat illi ghalkemm debitament notifikati, il-konvenuta Patricia Dingli u s-socjetajiet Wilclaud Company Limited u Antonio Dingli & Sons Company Limited baqghu kontumaci;

Rat l-atti kollha tal-process.

Ikkonsidrat:-

Fil-kaz prezenti l-Banka attrici adduciet dawn il-fatti:-

I. Permezz ta’ kuntratt datat 28 ta’ April 1994 (fol. 32) ikkoncediet facilitajiet bankarji (*Loan*) lis-socjeta` konvenuta Wilclaud Company Limited;

II. B’ kuntratt sussegwenti datat 17 ta’ Marzu 1995 (fol. 36) gie approvat u moghti lill-istess socjeta` facilitajiet ta’ *Overdraft*;

III. Fuq dawn iz-zewg kuntratti l-konvenuti Joseph u Mary Evelyn konjugi Schiavone iggarantew b’ garanzija personali taghhom l-obbligazzjonijiet assunti mill-kumpanija *in solidum* ma’ l-istess kumpanija debitrici. Dan ghamluh ukoll permezz ta’ l-iskrittura/garanzija datata 25 ta’ Ottubru 1994 (fol. 40);

IV. Hekk ukoll similment ghamlet is-socjeta` Anthony Dingli & Sons Limited (fol. 42) u Anthony u Patricia konjugi Dingli (fol. 45) fl-istess jum tal-25 ta’ Ottubru 1994 u aktar tard ukoll fil-kaz tal-konjugi Dingli fid-29 ta’ April 1995 (fol. 47);

V. B’ ittri ufficcjali (fol. 50, 52, 55 u 58) saret il-*call in* u l-kumpanija u l-fidejussjonarji solidali gew imsejha jadempixxu l-obbligi minnhom assunti u jaghmlu l-pagament dovut;

VI. Minghand il-kumpanija konvenuta, il-konjugi Schiavone u s-socjeta` Anthony Dingli & Sons Company Limited qed jintalab il-hlas ta’ hamsa u sebghin elf, mitejn u erbgha u tmenin lira u erba’ centezmi (Lm75,284.04), mentri minghand il-konjugi Dingli qed jigi domandat il-hlas ta’ erbghin elf lira (Lm40,000);

VII. Permezz tal-Prokuratur Legali Joseph Zammit (fol. 87) il-Banka attrici kkonfermat illi l-ammonti dovuti huma dawk dettaljati fl-i*statements* esebiti minn fol. 18 sa fol. 31;

Minn naha taghhom il-konvenuti jaddottaw din il-posizzjoni:

A. Is-socjeta` konvenuta Wilclaud Company Limited, is-socjeta` Antonio Dingli & Sons Company Limited u Patricia Dingli baqghu kontumaci;

B. B’ nota ntrodotta fil-5 ta’ Settembru 2002 (fol. 97) il-konvenut Anthony Dingli personalment ammetta t-talbiet attrici;

C. Il-konjugi Schiavone illimitaw ruhhom ghall-eccezzjonijiet li huma ghandhom jigu estromessi mill-proceduri billi huma semplici garanti u kien allura mehtieg li qabel xejn ikun hemm gudizzju kontra s-socjeta` Wilclaud bhala d-debitrici principali. Huma jressqu wkoll id-difiza illi l-ammont reklamat huwa eccessiv. Salv ghal din in-Nota taghhom (fol. 64) mill-kumplament ma ressqu l-ebda provi biex isostnu l-istess eccezzjonijiet minnhom moghtija;

Gjaladarba l-ammonti reklamati baqghu inattakkati l-Qorti ser tillimita ruhha biex tikkunsidra biss l-ewwel eccezzjoni tal-konjugi Schiavone, anke ghaliex din hi wahda ta’ natura legali;

Jekk il-Qorti tifhem sew dak li kien fl-intendiment ta’ dawn il-konvenuti, dawn donnhom qed jivventilaw il-beneficcju ta’ l-eskussjoni propunjat fl-Artikolu 1934 tal-Kodici Civili, jigifieri:

“Il-garanti hu obbligat biss ihallas meta jonqos id-debitur principali, illi qabel xejn ghandu jigi eskuss fuq il-beni tieghu.”

Din il-Qorti assolutament ma tistax taccetta din id-difiza. Dan ghas-semplici motiv illi kif jinghad immedjatament fid-dispost sussegwenti, ex-Artikolu 1935(1) il-beneficcju ta’ l-eskussjoni ma jghoddx “jekk il-garanti jkun obbliga ruhu *in*

*solidum* mad-debitur" [sub-paragrafu (b) tieghu], kif hekk proprjament jirrizulta f' dan il-kaz kif evidenzjat b' dikjarazzjoni espressa fil-kuntratti u fl-iskritturi;

Dippju kif rakkolt mill-gurisprudenza, anke jekk mhux direttament mil-ligi, "*l' escussione eccepita dal fideiussore o dal terzo possessore non deve essere troppo lungo o troppo difficile ma deve essere breve e facile*" ("**Francesco Saverio Bencini –vs- Giuseppe Azzopardi *et***", Prim' Awla, Qorti Civili, 22 ta' Marzu 1923 a Vol. XXV P II p 286);

Li jfisser illi fejn l-oggett indikat mill-garanti jkun tali li jinvolvi eskussjoni difficli u prolungata, il-beneficcju ta' l-eskussjoni ma ghandhiex tigi ntrattenuta (Vide decizjoni fl-ismijiet "**George Demanuele –vs- Carmelo sive Charles Ellul Sullivan *et***", Appell, 27 ta' Gunju 1997;

Dan premess, l-Artikolu 1925 tal-Kodici Civili jiddefinixxi l-garanzija bhala dak il-kuntratt li bih wiehed jintrabat lejn il-kreditur li jissodisfa l-obbligazzjonijiet ta' wiehed iehor, jekk dan ma jissodisfahiex huwa nnifsu. L-iskop ghalhekk f' dan id-dispost intiz huwa dak li jigi garantit id-dejn ta' terza persuna; f' dan il-kaz is-socjeta` Wilclaud Company Limited. Ghaldaqstant meta wiehed jobbliga ruhu li jhallas id-dejn ta' haddiehor fil-kaz li dan ma jhallasx dak id-dejn ikun hemm il-figura guridika tal-fidejussjoni (**Vol. XLI P II p 924**);

Kif jinsab stabbilit fl-Artikolu 1929, Kodici Civili, "il-garanzija ma tistax tkun prezunta, izda ghandha tkun espressa". Tali hu l-kaz in disamina, kif gja fuq indikat. Ghal aktar approfondiment fuq din it-tematika vide decizjoni fl-ismijiet "**Oreste Brincat *nomine* –vs- Perit u Arkitett Carmelo Falzon *et proprio et nomine***" Appell Kummercjali, 17 ta' Gunju 1991;

Il-garanzija moghtija mill-konjugi Schiavone, u dan ighodd naturalment ghall-konvenuti l-ohra wkoll, hi wahda solidali. Dan ifisser illi hu mholli fid-diskrezzjoni assoluta tal-

kreditur li jipprocedi kontra kull wiehed mid-debituri *in solidum*, u d-debitur ma ghandux dritt iressaq l-eccezzjoni tal-beneficcju ta' l-eskussjoni. Dan jipprovdi ghalih ukoll l-Artikolu 1096 tal-Kodici Civili. Jekk jista' jdur kontra kull wiehed mid-debituri solidali, jista' jdur kontra taghhom f' daqqa. Kieku dan ma sarx il-probabilita` hi li l-kondebitur maghzul kien isejjah lill-kondebituri l-ohra fil-kawza, kif hekk a propozitu kien sehh fil-kaz fl-ismijiet "**Anthony Azzopardi *et* –vs- Calcedonio Attard *et***", deciz mill-Qorti ta' l-Appell fis-27 ta' Jannar 1997;

Skarjit dan il-punt li fuqu l-Qorti hasset il-htiega li tiddilunga, l-ewwel eccezzjoni moghtija mill-konvenuti mizzewgin Schiavone ma tistax tircievi adezjoni. Dan ighodd ukoll ghall-meritu tat-tieni eccezzjoni billi dwaru l-istess konvenuti ma pproducew l-ebda provi kontrastanti l-ammonti reklamati mill-Banka attrici.

Ghal dawn il-motivi;

Taqta' u tiddeciedi l-kawza billi prevja c-cahda ta' l-eccezzjonijiet tal-konvenuti konjugi Schiavone takkolji d-domandi tal-Banka attrici billi fl-ewwel lok tikkundanna lis-socjeta` konvenuta Wilclaud Company Limited, lis-socjeta` Antonio Dingli & Sons Limited u lill-istess Joseph u Mary Evelyn konjugi Schiavone ihallsu flimkien u *in solidum* bejniethom lill-istess Banka attrici s-somma ta' hamsa u sebghin elf, mitejn u erbgha u tmenin lira Maltija u erba' centezmi (Lm75,284.04) bilanc tad-debitu fil-"*Current*, *Loan* u *Overdraft Accounts*" tas-socjeta` kummercjali Wilclaud Company Limited mal-Banka attrici flimkien ma' l-imghaxijiet mill-1 ta' Ottubru 1998 sad-data tal-pagament effettiv;

Tilqa' t-tieni domanda billi tikkundanna lill-konvenuti Anthony u Patricia konjugi Dingli jhallsu flimkien u *in solidum* bejniethom l-ammont ta' erbghin elf lira Maltija (Lm40,000) bilanc tad-debitu fil-"*Current*, *Loan* u *Overdraft Accounts*" tas-socjeta` Wilclaud Company Limited mal-

Banka attrici, flimkien ma’ l-imghaxijiet mill-1 ta’ Ottubru 1998 sad-data tal-hlas effettiv;

L-ispejjez kollha tal-kawza u ta’ l-atti l-ohra konkomitanti ghandhom jitbatew mill-konvenuti solidalment bejniethom.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------